MALTESE

# ĊARTER AWSTRALJAN TAD-DRITTIJIET TAL-KURA TAS-SAĦĦA

Iċ-Ċarter Awstraljan tad-Drittijiet tal-Kura tas-Saħħa jiddeskrivi d-drittijiet tal-pazjenti u ta' nies oħra li jużaw is-sistema Awstraljana tas-saħħa. Dawn id-drittijiet huma essenzjali biex ikun żgurat li meta u fejn tingħata l-kura, din tkun ta' kwalità għolja u bla perikli.

Iċ-Ċarter japprezza li n-nies li jirċievu l-kura u dawk li jipprovduha kollha għandhom partijiet importanti x'jagħmlu biex jinkisbu d-drittijiet tal-kura tas-saħħa. Iċ-Ċarter jippermetti lill-pazjenti, lill-konsumaturi, lill-familji, lil dawk li jduru b' xi ħadd u lis-servizzi li jipprovdu l-kura tas-saħħa li jifhmu flimkien id-drittijiet tan-nies li jkunu qegħdin jirċievu l-kura tas-saħħa. Dan jgħin biex ilkoll jaħdmu flimkien lejn sistema tas-saħħa ta' kwalità għolja u bla perikli. Sħubija ġenwina bejn il-pazjenti, l-konsumaturi u l-provdituri hija importanti biex kulħadd jikseb l-aħjar riżultati possibbli.

## Prinċipji Gwida

Dawn it-tliet prinċipji jiddeskrivu kif dan iċ-Ċarter ikun applikat fis-sistema Awstraljana tas-saħħa.

1 Kulħadd għandu d-dritt li jkun jista' jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa u dan id-dritt huwa essenzjali biex iċ-Ċarter jagħmel sens.

2 Il-Gvern Awstraljan jikkommetti ruħu fi ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li jagħrfu d-dritt ta' kulħadd għall-ogħla standard possibbli tas-saħħa fiżika u mentali.

3 L-Awstralja hija soċjetà magħmula minn nies ta' kulturi u stili ta' ħajja differenti u ċ-Ċarter jagħraf u jirrispetta dawn id-differenzi.



Għal iktar tagħrif jekk jogħġbok żur
www.safetyandquality.gov.au

AUSTRALIAN COMMISSION ON SAFETY AND QUALITY IN HEALTH CARE

## X'nista' nistenna mis-sistema Awstraljana tas-saħħa?

| DRITTIJIETI | XI JFISSER DAN |
|---|---|
| ***Aċċess*** | |
| Għandi d-dritt għall-kura tas-saħħa. | Nista' nikseb servizzi li jindirizzaw il-ħtiġiet tal-kura tiegħi. |
| ***Sigurtà*** | |
| Għandi d-dritt li ningħata kura bla perikli u ta' kwalità għolja. | Ningħata servizzi tas-saħħa bla perikli u ta' kwalità għolja, provduti b'kura, kapaċità u kompetenza professjonali. |
| ***Rispett*** | |
| Għandi d-dritt li nintwera rispett, dinjità, u konsiderazzjoni. | Il-kura li nirċievi tkun turi rispett lejja u l-kultura tiegħi, twemminijieti, il-valuri u l-karatteristiċi personali. |
| ***Komunikazzjoni*** | |
| Għandi d-dritt li nkun infurmat/a b'mod ċar u tond dwar is-servizzi, t-trattament, l-għażliet u l-prezzijiet. | Nirċievi komunikazzjoni ċara, f'waqtha u xierqa dwar il-kura ta' saħħti b'mod li nkun nista' nifhimha. |
| ***Parteċipazzjoni*** | |
| Għandi d-dritt li nkun inkluż/a fid-deċiżjonijiet u l-għażliet li jsiru dwar il-kura tiegħi. | Inkun nista' nieħu sehem fid-deċiżjonijiet u l-għażliet dwar il-kura tiegħi u l-ippjanar tas-servizzi tas-saħħa. |
| ***Privatezza*** | |
| Għandi d-dritt għall-privatezza u l-konfidenzjalità tal-informazzjoni personali tiegħi. | Il-privatezza personali tiegħi tkun miżmuma u l-użu xieraq tal-informazzjoni dwar is-saħħa u informazzjoni oħra dwari ikun assigurat. |
| ***Kumment*** | |
| Għandi d-dritt li nikkumenta dwar il-kura tiegħi u li t-tħassib tiegħi ikun indirizzat. | Nista' nikkummenta jew nilmenta dwar il-kura tiegħi u li t-tħassib tiegħi ikun trattat b'mod xieraq u malajr. |